MALTA

ATT Nru. XII ta' l-1996

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jawtorizza li somma ta' mhux iżjed minn sebgħin miljun lira Maltija tingħabar b'self f'Malta sabiex tkopri nefqa ikbar mid-dħul fil-Fond Konsolidat matul is-sena 1995 u dik mistennija li sseħħ matul is-sena 1996.

ACT No. XII of 1996

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to authorise that a sum not exceeding seventy million Maltese liri be raised in Malta by way of loan for the purpose of meeting excess expenditure over revenue incurred in the Consolidated Fund during the year 1995 and that expected to be incurred during the year 1996.

MALTA

ATT Nru. XII ta' l-1996

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jawtorizza li somma ta' mhux iżjed minn sebgħin miljun lira Maltija tingabar b'self f'Malta sabiex tkopri nefqa ikbar mid-dħul fil-Fond Konsolidat matul is-sena 1995 u dik mistennija li sseħħ matul is-sena 1996.

ACT No. XII of 1996

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to authorise that a sum not exceeding seventy million Maltese liri be raised in Malta by way of loan for the purpose of meeting excess expenditure over revenue incurred in the Consolidated Fund during the year 1995 and that expected to be incurred during the year 1996.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

Ugo MIFSUD BONNICI
President

2 ta' April, 1996

ATT Nru. XII ta' l-1996

ATT biex jawtorizza li somma ta' mhux iżjed minn sebgħin miljun lira Maltija tingabar b'self f'Malta sabiex tkopri nefqa ikbar mid-dħul fil-Fond Konsolidat matul is-sena 1995 u dik mistennija li sseħħ matul is-sena 1996.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorita' ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1996 dwar Self Lokali. Titolu fil-qosor.

2. Għall-għan ta' dan l-Att, "dħul" għandha l-istess tifsir bħalma għandha fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, iżda ma tinkludix qliegħ minn self lokali. Tifsir Kap. 174

3. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Gvern ta' Malta jista' jiġbor b'self f'Malta s-somma li ma tkunx iżjed minn sebgħin miljun lira Maltija. Awtorità għall-ġbir ta' self.

(2) Sabiex jingabar dak is-self, il-Ministru responsabbli għall-finanzi huwa b'dan awtorizzat li johroġ *stock* f'Malta skond l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati) skond dawk it-termini u kundizzjonijiet li l-imsemmi Ministru jista' japprova. Kap. 161

Skop.

4. Kull somma mislufa taħt l-awtorità ta' dan l-Att għandha tiġi approprjata u wżata biex tkopri nefqa ikbar mid-dħul li ssir fil-Fond Konsolidat matul is-sena 1995, u dik li hemm maħsuba li sseħħ matul is-sena 1996 u skond ma jidher fl-Estimi Approvati għal dik is-sena:

Iżda kull ammont imsellef bis-saħħa ta' dan l-artikolu iktar mill-ammont attwalment meħtieġ għal dawk l-għanijiet u li jifdal bħala bilanċ fil-Fond Konsolidat fi tmiem is-sena 1996, għandu jintuża biex jagħmel tajjeb għan-nefqa ikbar mid-dħul fil-Fond Konsolidat matul l-ewwel sena li tiġi minnufih wara, u li fiha ssir dik in-nefqa akbar.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 526 tas-27 ta' Marzu, 1996.

LAWRENCE GONZI
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati